**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru, 2001

**Numru 18**

**Avviz. numru 1158/01JR**

**Carmelo Grima**

**vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00) bilanc dovut fuq bejgh ta' vettura Fiat numru ta' registrazzjoni KAE-521 skond kambjala datata 9 ta' Awissu, 1999;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Mejju, 2001, bl-imghaxijiet mid-data tal-kambjala.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta. Semgha**

**x-xhieda ta' Carmelo Grima li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut, u wera lit-Tribunal il-kambjala in kwistjoni. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-9 ta' Awissu, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**XGUDIKATUR**